IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

10 ta' Settembru 2015

100/2015

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAL POSTIJIET VAKANTI FI SKOLA TAL-KNISJA

Il-Bord għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jixtieq javża li ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għal **żewġ postijiet għas-subien**, fl-ewwel sena sekondarja 2015-2016, fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira. L-applikazzjonijiet isiru **nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015,** fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Triq il-Mall, il-Furjana, bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar. Jekk ikun hemm postijiet vakanti oħra jintużaw dawn l-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu skont dawn il-kriterji: Studenti skont l-ewwel kriterju jiġifieri tad-Djar tal-Knisja, aħwa, ulied ta' impjegati fi skola tal-Knisja u transfers, u skont it-tielet kriterju applikanti oħra. Għal dawn il-postijiet mhumiex applikabbli każijiet serji.

L-applikanti għall-ewwel sena sekondarja jridu jkunu twieldu fis-sena 2004. Min se japplika għandu jippreżenta dawn id-dokumenti: Il-Kattoliċi jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija (oriġinali, u mhux fotokopja); ċertifikat tat-twelid (tal-Insinwa) tat-tifel (oriġinali, u mhux fotokopja); tintwera l-Karta tal-Identità ta' missier jew omm it-tifel, ma hemmx bżonn ta' fotokopja; ritratt tat-tifel (daqs ta' passaport). Jekk il-ġenituri huma separati jeħtieġ id-dokument riċenti li jindika l-kustodja tat-tfal. Il-ħlas għall-applikazzjoni huwa ta' €14. Aktar dettalji fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq is-sit: www.thechurchinmalta.org.

Dan il-proċess ser jitmexxa skont ir-Regolamenti tad-Dħul. Il-polza tal-applikanti se ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2015, fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Il-polza tibda fis-1.00 p.m. Immedjatament wara ssir ir-reġistrazzjoni tat-tfal, għaldaqstant huwa importanti li l-ġenituri jkunu preżenti għall-polza. F'każ ta' diffikultà wieħed jista' jċempel fuq 27790077 – 27790060.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**